BANK ĊENTRALI TA' MALTA

EUROSISTEMA

CENTRAL BANK OF MALTA

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Data tal-Pubblikazzjoni: 28 ta' Jannar 2008**

**Suġġett: Is-SEPA tidħol fis-seħħ**

Illum tidħol fis-seħħ iż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA) u l-banek Ewropej ser jibdew joffru formalment l-ewwel prodotti tas-SEPA għall-pagamenti marbuta ma' trasferimenti ta' krediti. Dan jirrappreżenta l-ewwel pass fil-fażi tal-migrazzjoni fejn il-klijenti permezz ta' proċess iggwidat mis-suq, se jimxu mill-prodotti ta' pagamenti elettroniċi nazzjonali eżistenti għall-prodotti l-ġodda tas-SEPA. Din hi estensjoni loġika għall-introduzzjoni ta' l-euro li mistennija tħalli benefiċċji sostanzjali permezz ta' suq ta' ħlas aktar kompetittiv u aktar effiċjenti.

Is-SEPA tippermetti li n-nies ikunu jistgħu jagħmlu ħlasijiet fiż-żona kollha ta' l-euro malajr, mingħajr periklu u faċilment daqs li kieku qed jagħmlu ħlasijiet nazzjonali. Fis-SEPA, il-ħlasijiet f'euro huma meqjusa bħala domestiċi u jsiru permezz ta' sett wieħed ta' strumenti ta' pagament. Is-SEPA għalhekk hi pass ieħor importanti lejn l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku Ewropew. Il-pagamenti tas-SEPA jistgħu jintużaw biex isiru ħlasijiet f'euro fl-Unjoni Ewropeja (UE) barra ż-żona ta' l-euro kif ukoll fl-Isvizzera, fin-Norveġja, fl-Islanda u fil-Liechtenstein.

Bl-ammont kbir ta' ħlasijiet li jkollhom, il-kumpanniji u l-amministrazzjoniet pubbliċi, mistennija li jiggwadanjaw bil-kbir mill-effiċjenzi li ser iġġib magħha is-SEPA. Għalhekk, dawn l-istituzzjonijiet għandhom ikollhom rwol importanti fis-suċċess tas-SEPA billi jkunu minn ta' l-ewwel fl-użu ta' l-istrumenti tas-SEPA. Fis-settur pubbliku, is-SEPA tista' tintuża biex tagħti spinta lill-*e-Government* u b'hekk tikkontribwixxi għall-għoti aktar effiċjenti ta' servizzi pubbliċi.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta u s-settur bankarju ilhom aktar minn sena jippreperaw biex jibdew jipprovdu s-servizzi tas-SEPA u bi ħsiebhom jagħtu bidu għal dan il-proġett bl-introduzzjoni tat-trasferimenti ta' krediti bis-SEPA. Permezz ta' dan is-servizz, ħlasijiet favur kont IBAN (*International Bank Account Number*) ta' benefiċċjarju jistgħu jsiru lill-parti l-kbira tal-banek fiż-żona ta' l-euro u fiż-Żona Ekonomika Ewropeja (EEA). Dawn il-banek jiġu identifikati permezz tal-*Bank Identifier Code (BIC)* tagħhom.

Il-banek Maltin kollha jinsabu f'pożizzjoni li joffru s-servizz il-ġdid ta' trasferimenti ta' krediti. Dan l-iżvilupp mistenni li jwassal għal żewġ kisbiet kbar. L-ewwel hi t-tnaqqis fl-ispejjeż kif mistenni mill-klijenti u skond ir-Regolament ta' l-UE 2560/2001. It-tieni hi tnaqqis fiż-żmien sa massimu ta' tlett ijiem, sakemm il-ħlas jasal għand il-benefiċċjarju. Fix-xhur li ġejjin aktar benefiċċji se jsiru disponibbli għal dawk li jużaw il-*cards* kif ukoll permezz tat-twaqqif ta' sistema ta' ddebitar dirett li tagħmilha possibbli li l-klijenti jawtorizzaw ħlasijiet favur bejjiegħa minn kwalinkwe kont bankarju mingħajr periklu.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta qiegħed ukoll jagħti bidu għal proċess ta' konsultazzjoni biex jieħu l-opinjoni ta' istituzzjonijiet, konsumaturi u s-soċjetà f'Malta dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li ser tipprovdi l-bażi legali għas-servizz ta' ħlas provdut taħt l-inizjattiva SEPA. Din id-Direttiva ser tipprovdi reġim regolatorju aktar b'saħħtu li jelenka d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk li jużaw u ta' dawk li jipprovdu servizzi ta' ħlas, inklużi l-*cards* li bihom isir il-ħlas. Din ser tipprovdi wkoll għall-aktar kompetizzjoni u innovazzjoni permezz tat-twaqqif ta' istituzzjonijiet ġodda għall-ħlas. Biż-żmien, din id-Direttiva għandha tħaffef il-proċess għat-tnaqqis fl-użu taċ-ċekkijiet, peress li l-użu ta' dawn ta' l-aħħar ser iġorr aktar spejjeż meta wżati bejn pajjiż u ieħor, anke fiż-żona ta' l-euro. Anke fuq bażi lokali il-ħlas biċ-ċekk jinvolvi ħafna spejjeż u hu ineffiċjenti biex jipproċessa. Id-Direttiva tippromwovi l-użu tad-debitu dirett (direct debits) flok l-użu taċ-ċekkijiet, u tipprovdi bażi legali armonizzata għall-użu tagħhom fl-UE.

Biex jitfakkar il-bidu tas-servizz tat-Trasferimenti ta' Krediti bis-SEPA, il-*management* u l-ħaddiema tal-Bank Ċentrali ta' Malta għażlu li jagħmlu d-donazzjoni annwali tagħhom lejn "Id-Dar tal-Providenza", li ammontat għall-EUR 4660,

direttament f'wieħed mill-kontijiet ta' l-istituzzjoni f'bank lokali minflok ma sar ħlas biċ-ċekk bħal fis-snin l-imgħoddija.